



Kunsill Ewropew

Brussell, 24 ta' Ġunju 2022
(OR. en)

EUCO 24/22

CO EUR 21
CONCL 5

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Laqgħa tal-Kunsill Ewropew (23 u 24 ta' Ġunju 2022) – Konklużjonijiet

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill Ewropew fil-laqgħa msemmija hawn fuq.

I. EWROPA F'SENS WIESA'

1. Il-Kunsill Ewropew kellu diskussjoni strateġika dwar ir-relazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mas-sħab tagħha fl-Ewropa. Huwa ddiskuta l-proposta li titnieda komunità politika Ewropea.

Xiex, min u kif?

L-għan huwa li tiġi offruta pjattaforma għal koordinazzjoni politika għall-pajjiżi Ewropej madwar il-kontinent. Hija tista' tikkonċerna l-pajjiżi Ewropej kollha li magħhom għandna relazzjonijiet mill-qrib.

L-objettiv huwa li jitrawmu d-djalogu politiku u l-kooperazzjoni biex jiġu indirizzati kwistjonijiet ta' interess komuni sabiex jissaħħu s-sigurtà, l-istabbiltà u l-prosperità tal-kontinent Ewropew.

2. Qafas bħal dan mhux ser jissostitwixxi politiki u strumenti eżistenti tal-UE, b'mod partikolari t-tkabbir, u ser jirrispetta bis-sħiħ l-awtonomija tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Unjoni Ewropea.
3. Abbażi ta' dan l-ewwel skambju ta' fehmiet, il-Kunsill Ewropew ser jerġa' lura għall-kwistjoni.

II. UKRAJNA

4. Il-Kunsill Ewropew iddiskuta l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna fid-dimensjonijiet differenti tagħha. Il-Kunsill Ewropew itenni li huwa jappoġġa bis-sħiħ lill-Ukrajna u li l-Unjoni Ewropea ser tkompli tipprovdi appoġġ qawwi għar-reżiljenza ekonomika, militari, soċjali u finanzjarja ġenerali tal-Ukrajna, inkluż l-għajnuna umanitarja.

5. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna b'mod riżolut l-attakki indiskriminati tar-Russja kontra persuni ċivili u l-infrastruttura ċivili, u jhegġegħ lir-Russja tirtira minnufih u mingħajr kondizzjoni t-truppi u t-tagħmir militari kollu tagħha mit-territorju kollu tal-Ukrajna fil-fruntieri tagħha rikonoxxuti f'livell internazzjonali. Id-dritt umanitarju internazzjonali, inkluż dwar it-trattament tal-priġunieri tal-gwerra, irid jiġi rrispettat. L-Ukreni, b'mod partikolari t-tfal, li ttieħdu bil-forza lejn ir-Russja għandhom jitħallew immedjatament jirritornaw b'mod sikur. Ir-Russja, il-Belarużja u dawk kollha responsabbli għad-delitti tal-gwerra u d-delitti l-oħra l-aktar serji ser jinżammu responsabbli għall-azzjonijiet tagħhom, f'konformità mad-dritt internazzjonali.

L-adozzjoni tas-sitt pakkett ta' sanzjonijiet tal-UE tkompli tintensifika l-pressjoni fuq ir-Russja biex ittemm il-gwerra tagħha kontra l-Ukrajna. Ser tkompli l-ħidma fuq is-sanzjonijiet, inkluż biex tissaħħaħ l-implimentazzjoni u tiġi evitata ċ-ċirkomvenzjoni. Il-Kunsill Ewropew jappella lill-pajjiżi kollha biex jallinjaw ruħhom mas-sanzjonijiet tal-UE, b'mod partikolari l-pajjiżi kandidati. Il-ħidma għandha tiġi ffinalizzata malajr fuq id-deċiżjoni tal-Kunsill li żżid il-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni mal-lista ta' reati tal-UE.

6. L-Unjoni Ewropea tibqa' impenjata bis-sħiħ li ttipprovdi aktar appoġġ militari biex tgħin lill-Ukrajna teżerċita d-dritt inerenti tagħha ta' awtodifiża kontra l-aggressjoni Russa u tiddefendi l-integrità territorjali u s-sovraniżà tagħha. Għal dan il-għan, il-Kunsill Ewropew jappella lill-Kunsill biex jaħdem malajr fuq żieda ulterjuri tal-appoġġ militari.
7. Il-Kunsill Ewropew jinnota li l-Kummissjoni daqt ser tippreżenta proposta li tagħti lill-Ukrajna assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali ġdida sa EUR 9 biljun fl-2022. Jappella lill-Kummissjoni biex tippreżenta malajr il-proposti tagħha dwar l-appoġġ tal-UE għar-rikostruzzjoni tal-Ukrajna, f'konsultazzjoni ma' sħab, organizzazzjonijiet u esperti internazzjonali.

8. Ir-Russja, billi tuża l-ikel b'ħala arma fil-gwerra tagħha kontra l-Ukrajna, hija unikament responsabbli għall-kriżi dinjija tas-sigurtà tal-ikel li pprovokat. Il-Kunsill Ewropew iħeġġeġ lir-Russja biex immedjatement tieqaf tattakka l-azjendi agrikoli u tieqaf tieħu ċ-ċereali, u biex tiżblokka l-Baħar l-Iswed, b'mod partikolari l-port ta' Odesa, sabiex tippermetti l-esportazzjoni tal-ħbub u l-operazzjonijiet ta' tbaħħir kummerċjali. Il-Kunsill Ewropew jappoġġa għal dan il-għan l-isforzi tas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja li s-sanzjonijiet tal-UE kontra r-Russja jippermettu l-fluss liberu ta' prodotti agrikoli u tal-ikel u t-twassil ta' assistenza umanitarja.
9. Il-Kunsill Ewropew jappoġġa bil-qawwa l-isforzi fir-rigward tal-Korsiji ta' Solidarjeta' biex jiġu ffaċilitati l-esportazzjonijiet tal-ikel mill-Ukrajna permezz ta' rotot fuq l-art u portijiet tal-UE differenti. Jappella lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, filwaqt li jibnu b'mod partikolari fuq l-inizjattiva FARM kif ukoll l-inizjattivi tan-NU u tal-G7, biex iżidu l-isforzi tagħhom:
 - (1) biex jingħata appoġġ lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex jorjentaw mill-ġdid, fejn meħtieġ, il-ktajjen ta' provvista tagħhom;
 - (2) biex jaċċelleraw it-twettiq tal-inizjattivi ewlenin rilevanti ta' Tim Ewropa maqbula fis-Summit reċenti bejn l-Unjoni Ewropea u l-Unjoni Afrikana li jfittxu li jiżviluppaw produzzjoni sostenibbli tal-ikel, isaħħu l-produttività agrikola, inkluż tal-għelejjel li fihom il-proteini, u l-kapaċità tal-industrija agrikola fil-kontinent Afrikan; u
 - (3) biex jaħdmu fuq inizjattivi flimkien ma' sħab internazzjonali biex jappoġġaw l-iżvilupp tal-kapaċità tal-manifattura ta' inputs fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, b'mod partikolari fertilizzanti sostenibbli.

III. APPLIKAZZJONIJIET GĦAS-SĦUBIJA TAL-UKRAJNA, IR-REPUBBLIKA TAL-MOLDOVA U L-GEORGIA

10. Il-Kunsill Ewropew jirrikonoxxi l-perspettiva Ewropea tal-Ukrajna, ir-Repubblika tal-Moldova u l-Georgia. Il-futur ta' dawn il-pajjiżi u ċ-ċittadini tagħhom jinsab fi ħdan l-Unjoni Ewropea.
11. Il-Kunsill Ewropew iddeċieda li jagħti l-istatus ta' pajjiż kandidat lill-Ukrajna u lir-Repubblika tal-Moldova.
12. Il-Kummissjoni hija mistiedna tirrapporta lill-Kunsill dwar l-issodisfar tal-kondizzjonijiet speċifikati fl-opinjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjonijiet rispettivi għas-sħubija bħala parti mill-pakkett tat-tkabbir regolari tagħha. Il-Kunsill ser jiddeċiedi dwar passi ulterjuri ladarba dawn il-kondizzjonijiet kollha jiġu ssodisfati bis-siġh.
13. Il-Kunsill Ewropew lest jagħti l-istatus ta' pajjiż kandidat lill-Georgia ladarba l-prijoritajiet speċifikati fl-opinjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni għas-sħubija tal-Georgia jkunu ġew indirizzati.
14. Il-progress ta' kull pajjiż lejn l-Unjoni Ewropea ser jiddependi fuq il-mertu tiegħu stess li jissodisfa l-kriterji ta' Copenhagen, filwaqt li titqies il-kapaċità tal-UE li tassorbi membri ġodda.

IV. BALKANI TAL-PUNENT

15. L-Unjoni Ewropea tesprimi l-impenn siġh u inekwivokabbli tagħha għall-perspettiva ta' sħubija mal-UE tal-Balkani tal-Punent u tappella għall-aċċellerazzjoni tal-proċess ta' adeżjoni.

16. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni, lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kunsill biex, filwaqt li jibnu fuq il-metodoloġija riveduta, javvanzaw aktar l-integrazzjoni gradwali bejn l-Unjoni Ewropea u r-reġjun matul il-proċess ta' tkabbir innifsu b'mod riversibbli u bbażat fuq il-mertu.
17. Il-Kunsill Ewropew ifakkar fl-importanza tar-riformi b'mod partikolari fil-qasam tal-istat tad-dritt u b'mod partikolari ta' dawk relatati mal-indipendenza u l-funzjonament tal-ġudikatura u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni. Huwa jappella wkoll lis-sħab biex jiggarrantixxu d-drittijiet u t-trattament ugwali tal-persuni li jagħmlu parti minn minoranzi.
18. Il-Kunsill Ewropew ġie infurmat dwar l-aħħar żviluppi tad-diskussjonijiet bejn il-Bulgarija u l-Maċedonja ta' Fuq. Huwa jappella għal soluzzjoni rapida tal-aħħar kwistjonijiet pendenti sabiex in-negożjati ta' adeżjoni jkunu jistgħu jinfetħu mingħajr dewmien.
19. Il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid l-urġenza li jsir progress tanġibbli fir-riżoluzzjoni ta' tilwim bilaterali u reġjonali pendenti, b'mod partikolari d-Djalogu bejn Belgrad u Pristina dwar in-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet bejn is-Serbja u l-Kosovo*.
20. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-ftehim politiku milħuq fit-12 ta' Ġunju 2022 mill-mexxejja tal-Bożnija-Herzegovina fi Brussell li huwa meħtieġ għall-istabbiltà u l-funzjonament sħiħ tal-pajjiż u sabiex iwieġeb għall-aspirazzjonijiet tal-poplu. Huwa jappella lill-mexxejja politiċi kollha fil-Bożnija-Herzegovina biex jimplimentaw malajr l-impenji stabbiliti fil-ftehim u jiffinalizzaw b'mod urġenti r-riforma kostituzzjonali u elettoral, li ser jippermettu lill-pajjiż javvanza b'mod deċiżiv fil-perkors Ewropew tiegħu, skont l-opinjoni tal-Kummissjoni.

* *Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244/1999 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.*

21. Il-Kunsill Ewropew lest li jagħti l-istatus ta' pajjiż kandidat lill-Bożnija-Herzegovina u għal dak il-għan jistieden lill-Kummissjoni tirrapporta mingħajr dewmien lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-14-il prijorità ewlenija stipulata fl-opinjoni tagħha b'attenzjoni speċjali għal dawk li jikkostitwixxu sett sostanzjali ta' riformi sabiex il-Kunsill Ewropew jerġa' lura biex jiddeċiedi dwar il-kwistjoni.

V. KWISTJONIJIET EKONOMIĊI

22. Il-Kunsill Ewropew jappoġġa b'mod ġenerali r-rakkomandazzjonijiet integrati speċifiċi għall-pajjiż kif diskussi mill-Kunsill, u b'hekk jippermetti l-konklużjoni tas-Semestru Ewropew tal-2022.
23. Il-Kunsill Ewropew jilqa' li l-Kroazja wettqet il-kriterji ta' konverġenza kollha kif stabbiliti fit-Trattat. Huwa jaqbel mal-proposta tal-Kummissjoni li l-Kroazja tadotta l-euro fl-1 ta' Jannar 2023 u jistieden lill-Kunsill jadotta malajr il-proposti rilevanti tal-Kummissjoni.
24. Waqt li jfakkar fid-Dikjarazzjoni ta' Versailles u fil-konklużjonijiet tiegħu tal-21 u t-22 ta' Ottubru 2021, fl-24 u l-25 ta' Marzu 2022 u fit-30 u l-31 ta' Mejju 2022, il-Kunsill Ewropew itenni l-istedina tiegħu lill-Kummissjoni biex tesplora mas-sħab internazzjonali tagħna modi biex trażżan iż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija, inkluż il-fattibbiltà tal-introduzzjoni ta' limiti temporanji fuq il-prezzijiet tal-importazzjoni fejn adatt.
25. Fid-dawl tal-użu, min-naħa tar-Russja, tal-gass bħala arma, il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni biex tkompli bl-isforzi tagħha bħala kwistjoni ta' urġenza bil-ħsieb tal-iżgurar tal-provvista tal-enerġija bi prezzijiet affordabbli.
26. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kunsill biex, flimkien mal-Kummissjoni, jieħu kwalunkwe miżura xierqa biex jiżgura koordinazzjoni tal-enerġija aktar mill-qrib bejn l-Istati Membri.

VI. KONFERENZA DWAR IL-FUTUR TAL-EWROPA

27. Il-Kunsill Ewropew jieħu nota tal-proposti mniżżla fir-Rapport dwar l-eżitu tal-Konferenza ppreżentat lit-tliet kopresidenti. Il-Konferenza kienet opportunità unika biex nikkollaboraw maċ-ċittadini Ewropej.
28. L-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw segwitu effettiv għal dan ir-rapport; kull waħda fl-isfera tal-kompetenzi tagħha u f'konformità mat-Trattati. Il-Kunsill Ewropew jinnota li diġà twettqet ħidma f'dan ir-rigward.
29. Huwa jfakkar fl-importanza li jiġi żgurat li ċ-ċittadini jiġu infurmati dwar is-segwitu għall-proposti magħmula fir-Rapport.

VII. RELAZZJONIJIET ESTERNI

Il-Lvant tal-Mediterran

30. Il-Kunsill Ewropew esprima tħassib serju dwar azzjonijiet u dikjarazzjonijiet reċenti ripetuti mit-Turkija. It-Turkija trid tirrispetta s-sovranià u l-integrità territorjali tal-Istati Membri kollha tal-UE. Filwaqt li jfakkar fil-konklużjonijiet preċedenti tiegħu u fid-dikjarazzjoni tal-25 ta' Marzu 2021, il-Kunsill Ewropew jistenna li t-Turkija tirrispetta bis-sħiħ id-dritt internazzjonali, tnaqqas it-tensjonijiet fl-interess tal-istabbiltà reġjonali fil-Lvant tal-Mediterran, u tippromwovi relazzjonijiet tajbin ta' viċinat b'mod sostenibbli.

Belarussja

31. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja d-dritt demokratiku tal-poplu Belarussu li jkollu elezzjonijiet ġodda, ħielsa u ġusti. Huwa jappella lill-awtoritajiet Belarussi biex jiddefendu d-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt, biex itemmu r-repressjoni u jeħilsu lill-priġunieri politiċi.